MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2004

Appell Kriminali Numru. 191/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Muscat**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Muscat talli fil-11 ta' Dicembru 2000 u fix-xhur precedenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjon wahda, (**1**) ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, u aktar (**2**) talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi foloz, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9; (**3**) talli fl-

istess cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet foloz, jew ta taghrif falz, bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap. 9; (**4**) talli fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjonijiet jew xjentement ghamel uzu minn dokumenti ffalsifikati bi ksur tal-Artikolu 189 tal-imsemmi Kap 9; u (**5**) talli fl-istess cirkostanzi, bhala "persuna licenzjata biex tittestja" mid-Direttur tat-Traffiku skond ir-Regolamenti ta' 1998 "Dwar testijiet biex jiccertifikaw li vetturi bil-mutur ikunu tajba ghat-triq" naqas li jattesta r-rizultat posittiv ta' test jew cahda ta' rizultat posittiv skond il-kaz, fl-istess data li fiha t-test ikun gie kompletat, u dan bi ksur tar-Regolament 19 tal-A.L. 126/1998;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Ottubru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Paul Muscat mhux hati skond dawn l-imputazzjonijiet u lliberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali minnu prezentat fil-21 ta' Ottubru 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravju ta' l-Avukat Generali kif migjub fir-rikors ta' appell tieghu, sejra taghmel xi kummenti dwar il-mod kif dana l-appell gie redatt. Dana l-appell qed isir mill-Avukat Generali taht is-setgha gdida moghtija lilu bil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali li jappella, f'kazijiet li ma jkunux ta' natura sommarja, kemm fuq punti ta' dritt kif ukoll fuq punti ta' fatt. Qabel id-dhul fis-sehh ta' din id-disposizzjoni (fl-1 ta' Ottubru, 2003) id-dritt ta' appell ta' l-Avukat Generali kien limitat ghal punti ta' dritt (hlief fejn, taht ligijiet partikolari, kien moghti lilu dritt ta' appell anke fuq punti ta' fatt). Din il-Qorti tittama li issa li l-Avukat Generali ghandu s-setgha li jappella f'hafna kazijiet fejn qabel ma setax jappella, min hu

responsabbli li jirredigi r-rikorsi ta' appell jiehu l-izbriga biex jimmotiva sew u b'mod studjat u erudit l-istess rikorsi, u mhux, bhal fil-kaz odjern, iharbex kelmtejn li bilkemm jaghmlu sens[1]. Il-kaz *de quo* jinvolvi imputazzjonijiet ta' diversi reati, li allura kellhom jigu trattati separatament; u l-minimu li din il-Qorti tistenna mill-ufficcju ta' l-Avukat Generali hu li r-rikorsi ta' appell ma jkunux skarni u kwazi bla motivazzjoni ta' xejn, izda jkunu redatti – bhalma huma redatti hafna rikorsi ta' persuni misjuba hatja – b'mod li juri certu applikazzjoni tal-gherf legali, u dan anke bhala ghajnuna sabiex din il-Qorti tkun tista' aktar facilment tasal ghall-gudizzju taghha, u mhux, bhal fil-kaz odjern, ikollha kwazi tindovina x'qed jipprova jghid ezattament l-appellant.

Mill-provi jirrizulta li l-appellat Muscat kien licenzjat biex jaghmel it-testijiet ta' vetturi bil-mutur ghall-finijiet tal-VRT, u dan skond ir-Regolamenti dwar Testijiet biex jiccertifikaw li vetturi bil-Mutur huma Tajbin ghat-Triq (A.L. 126/1998). F'xi zmien ghal habta ta' Gunju tas-sena 2000, l-appellat avvicina impjegat tieghu, li kien ukoll impjegat mad-ditta *Stirling Car Hire*, sabiex ihajjru jibda jgib il-vetturi ta' din id-ditta ghat-testijiet tal-VRT ghandu. U fil-fatt hekk gara, u cioe` li diversi vetturi ta' l-imsemmija ditta intbaghtu ghat-test fl-istabbiliment ta' l-appellat. Gara, pero`, li l-licenzji ta' dawn il-vetturi kien ghad baqghalhom biex jiskadu u ghalhekk biex jiggeddu; u peress li r-rizultat tat-test hu validu biss ghal disghin gurnata minn meta jsir (ara r-regolament 7(1) tal-imsemmija Regolamenti), min gablu l-imsemmija vetturi ssuggerielu li jittestjahom dik il-gurnata, izda li c-certifikat jinhareg aktar tard fis-sena. U hekk fil-fatt sar: il-vetturi gew ittestjati f'data partikolari, izda c-certifikati (il-maggoranza ta' dawk ezibiti fl-atti huma kollha pozittivi, jigifieri li l-vettura partkolari kienet ghaddiet mit-test) inhargu gimghat u xhur wara biex b'hekk id-data fuq ic-certifikat – li allura kienet data

---

[1] Kullma jinghad fir-rikors bhala aggravju huwa hekk: ***"Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti qablet li kienu jonqsu l-elementi tar-reat peress li ma saritx falsifikazzjoni. Lanqas ma kien hemm qliegh ghax il-Qorti qalet li Paul Muscat kien semplicement 'overzealous'. Illi beneficcju jista' jkun ta' diversi xorta u mhux neccessarjament finanzjarju. Illi ghalhekk il-ligi giet interpretata erroneament. Inoltre il-provi wasslu biex juru li fil-fatt dak li l-appellat ghamel kien illegali ghax ma setax jiccertifika li sar il-VRT meta rrizulta li ma sarx."***

sussegwenti ghad-data tat-test – tkun entro t-terminu msemmi ta' disghin gurnata. Huma dawn ic-certifikati, bid-data li ma kientx tirrifletti d-data vera tat-test, li effettivament gew ippresentati sabiex tinhareg ossia tiggedded il-licenzja tat-triq. Skond ir-regolament 19(1) tal-imsemmija Regolamenti ic-certifikat kellu jinhareg *"…fl-istess data li fiha t-test ikun gie kompletat"*. L-appellat jammetti li dan ghamlu biex ma jitlifx il-klientela ta' *Stirling Car Hire* [2] u anke sabiex jghin lid-ditta in kwistjoni sabiex din tkun tista' tikseb it-tigdid tal-licenzja minghajr interruzjoni tan-nolegg tal-vetturi [3].

Bhala fatt, ghalhekk, jirrizulta, li c-certifikati rilaxxjati mill-appellat kellhom data li suppost li kienet tindika id-data tat-test izda li fir-realta` ma kienitx verament id-data meta sar l-imsemmi test, peress li dan kien sar gimghat u xhur qabel. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubbju li dak li ghamel l-appellat jammonta ghal falz ideologiku, u cioe` hareg certifikat li kien materjalment certifikat veru, izda li kien jikkontjeni affarijiet inveritjeri. Il-gurista Francesco Antolisei jispjega hekk id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

**Allo scopo di precisare la distinzione, il Manzini (conformemente, del resto, alla migliore dottrina straniera) si e` richiamato ai due diversi significati che, come abbiamo posto in rilievo, assume in genere il termine "falso", e precisamente alla differenza tra "non-genuinita`" e "non-veridicita`". Secondo l'insigne autore il falso materiale si ha quando il documento *non e` genuino*; il falso ideologico allorche` il documento e` bensi` genuino, ma *non e` veridico*, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero.** [4]

---

[2] ***"Pero` meta rajt li…kont bhal speci ser nitlef ix-xoghol…"*** – deposizzjoni ta' l-appellat a fol. 112.

[3] Skond l-appellat il-persuna li gabitlu l-vetturi, meta qalilha li kien ghad fadal hafna zmien ghat-tigdid tal-licenzja, qaltlu: ***"Pero` dawn qeghdin ghandi llum, u b'hekk gibthom illum ghax imbghad ser ikunu*** **leased** ***ghand kumpaniji u biex nigborhom jaqlghuli qalbi."*** – fol. 109, 110.

[4] Antolisei, F., ***Manuale di Diritto Penali – Parte Speciale II***, Giuffre` (Milano), 1986, p. 604. Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Paul Galea*** App. Krim. 17/10/1997.

Fil-kaz in dizamina hu evidenti li, kuntrarjament ghal dak li donnu qed jipprova jghid l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu, il-falsifikazzjoni in kwistjoni ma taqax taht l-Artikoli 183 jew 189 tal-Kodici Kriminali, izda taqa' taht l-Artkolu 188 tal-imsemmi Kodici. Dan huwa kaz fejn l-appellat, sabiex jikseb beneficcju ghad-ditta *Stirling Car Hire* (konsistenti dan il-beneficcju fit-tigdid tal-licenzja tat-triq), f'dokument mahsub ghal awtorita` pubblika proprju sabiex dik l-awtorita` tkun tista' ggedded il-licenzi tal-vetturi, iddikjara li test kien sar f'data mentri fil-fatt kien sar f'data ferm qabel. Il-"vantagg" jew "beneficcju" imsemmija fl-Artikolu 188 ma jikkonsistux biss, kif donnha rravvizat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, fi "qliegh" jew "profitt" fis-sens ristrett li b'dak li wiehed ikun ghamel ikun direttament inkassa xi flus; huwa bizzejjed li dak li jkun – l-agent jew haddiehor – ikun jista' jikseb xi vantagg jew beneficcju li ghalih ikun legalment intitolat kemm-il darba jikkonkorru certi cirkostanzi [5]. Fil-fehma tal-Qorti il-ksib (jew tigdid) tal-licenzja tat-triq ta' vettura hija sia vantagg kif ukoll beneficcju ghax minghajrha wiehed ma jistax juza dik il-vettura fit-triq, kif inhu intitolat li jaghmel kemm-il darba japplika u tinhariglu l-licenzja tat-triq. Jigi precizat li l-appellat qatt ma gie akkuzat taht l-Artikolu 185(2) tal-Kodici Kriminali, fejn il-falsifikazzjoni tista' tkun kemm materjali kif ukoll ideologika [6].

Kwantu ghall-hames imputazzjoni, il-ksur tar-regolament 19(1) ta' l-A.L. 126/1998 hu, f'dan il-kaz, palesi. Fil-kaz in dizamina hemm l-assorbiment ta' dan ir-reat minuri f'dak aktar gravi kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, u dan skond l-Artikolu 17(h) tal-imsemmi Kodici.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva li l-piena ghar-reat skond l-Artikolu 188 hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew multa. Din il-Qorti tqis li dak li ghamel l-appellat kien jammonta ghal nuqqas gravi hafna. L-Istat wera fiducja fl-appellat meta hatru bhala operatur tat-testijiet in kwistjoni; l-appellat, invece, wera b'ghemilu li ma kienx dehen ta' din il-fiducja ghax kien

[5] Ara ***Il-Pulizija v. Carmelo Abdilla*** App. Krim. 31/7/1997; ***Il-Pulizija v. Vincent Grima, Mario Camilleri u Carmelo sive Charles Borg*** App. Krim. 24/6/1998.
[6] ***Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Attard*** App. Krim. 2/9/1999.

lest, kif jghidu bl-Ingliz, *to cut corners* f'materja hekk delikata bhalma huma testijiet ta' vetturi bil-mutur biex jigi assigurat li dawn ikunu tajbin ghat-triq, fejn allura jidhlu wkoll kwistjonijiet ta' sigurezza fit-toroq. Mill-banda l-ohra, il-fedina penali, ezibita a fol. 3 ta' l-atti, turi li l-appellat qatt qabel ma kien ikkommetta xi reat, anqas wiehed ta' natura kontravvenzjonali. Din il-Qorti, ghalhekk, sejra ghal din id-darba tikkundanna lill-appellat mhux ghall-piena kercerarja izda ghal multa, pero` fil-massimu taghha, u dan biex tenfasizza l-gravita` ta' dak li ghamel l-appellat kif ukoll biex isservi ta' twissija ghal kull min hu involut f'dan ix-xoghol.

Ghall-motivi premessi, tiddiponi mill-appell ta' l-Avukat Generali billi tilqghu in parti fis-sens illi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn din illiberat lill-appellat Muscat mit-tielet imputazzjoni u mill-hames imputazzjoni u minflok issib lill-istess Muscat hati skond dawn iz-zewg imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta' hames mitt lira (Lm500), konvertbbli fi tlett xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tkkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------